# IL-BILOKAZZJONIJIET TA' PADRE PIO

Il-bilokazzjoni hija don moghti minn Alla lil xi persuna fejn dan ikun jinsab f'zewg postijiet f'daqqa fl-istess hin.

Fost il-hafna qaddisin li kellhom dan il-privilegg, hemm imnizzla fl-istorja, il-kaz ta' San Alfons de Liguri li baqa' f' Norcia dei Pagani filwaqt li zar Ruma, mijiet ta' mili l-boghod u assista l-Papa Klement XIV waqt l-agunija tieghu.

L-istorja tfakkarna wkoll f'Sant'Antnin li waqt li kien qed jippridka gewwa Padova fl-Italja, deher fil-belt nattiva tieghu Lisbona fil-Portugal, ukoll mijiet ta' mili 'l boghod, jiddefendi fil-qorti l-innocenza ta' missieru li kien akkuzat b'delitt.

Ezempju iehor huwa dak ta' San Martin de Porres li fl-istess hin u mumenti kien qed ixxerred l-messagg evangeliku ta' Kristu fil-Peru u fil-Filippini, zewg artijiet eluf ta' mili 'l boghod minn xulxin.

Huwa fatt dokumentat tajjeb hafna li Padre Pio, li prattikament qatt ma halla l-kunvent tal-Kappuccini tal-Madonna tal-Grazzji gewwa San Giovanni Rotondo minn dak inhar li wasal hemm fis-sena 1917, kien imzejjen b'dan id-don. Rawh fis-17 ta' Mejju tas-sena 1925 fil-Bazilka ta' San Pietru gewwa Ruma waqt il-kanonizazzjoni tal-qaddisa Tereza tal-Bambin Gesu'. Jum wiehed Padre Pio kien qed iserrah ma' wahda mit-twieqi tal-kunvent jhares fil-boghod

meta f'daqqa wahda ibbies, sfar u deher iffukat intensament fuq xi haga. Imbaghad refa' idejh u ghamel sinjal bhallikieku qed ibierek lil xi hadd. Aktar tard sar maghruf li f'dak il-hin, mijjiet ta' mili 'l boghod, deher lil wiehed zaghzugh li kien moribond gewwa sptar. Iz-zaghzugh ma riedx jircievi l-ahhar sagramenti. Ohtu talbet mentalment lill- Padre Pio biex iheggeg lil huha halli jqerr. Imbaghad resqet lejn huha biex tikkonvincieh halli jsejjah sacerdot biex iqerr. Huha wegibha: " Jien diga' qerrejt ghand wiehed patri kappuccin bil-baffi griza li kien hawn hdejja."  Ohtu fehmet precizament x'kien gara. Hadd ma dahal fil-kamra fejn iz-zaghzugh kien rikoverat. Il-kappuccin kellu jkun bilfors Padre Pio.

Monsinjur  L-Indico li kien jghix Firenze jirrakonta li ohtu kienet marida gravament illi kwazi kienet ser tmut u li kull sforz tat-tobba ta' l-isptar kien ghalxejn. Fl-20 ta' Gunju tas-sena 1921 hija dahlet f'koma. Il-prelat kien wahdu gewwa l-ufficju tieghu meta hass sensazzjoni li xi hadd kien warajh. Dar lura u ra patri li gheb. Huwa halla l-ufficju u mar jghid li kappillan b'dak li sehh;  il-kappillan haseb li din setghet kienet xi allucinazzjoni billi l-monsinjur kien inkwetat minhabba ohtu.

Stiednu li  jmur ghall-mixja qasira biex jiddistratta ruhu mentalment. Meta rritornaw huma dahlu fil-kamra fejn ohtu kienet rikoverata. Ohtu li ftit qabel kienet f'koma, fl-istess hin li huha hass is-sensazzjoni li kien fil-presenza ta' Padre Pio, irrakontat li rat patri jidhol f'kamritha, resaq fuqha u qalilha: "Tibzghax, ghada jhallik id-deni u fi ftit tal-jiem qisu qatt ma kellek xejn".

U hija staqsietu: "Imma inti Padre Pio, allura inti qaddis?
"Le," wegibha," jiena kreatura, qaddej tal-Mulej li nservih permezz tal-hniena tieghu."

"Hallini nbuslek ic-coqqa," talbitu l-marida.

"Bus is-sinjal tal-Passjoni," qalilha u urieha idejh imtaqqba u jnixxu d-demm. Itlob, itlob li inti tkun mara tajba u nassigurak li ibnek ser ikun taht il-protezzjoni tieghi." U gheb.
Il-mara fieqet u d-deni gheb  ghal kollox l-ghada filghodu bhal ma kien weghdha l-patri. Fi tmint ijien fieqet ghal kollox.  Dan il-fatt sehh gewwa Firenze. Ftit tal-jiem qabel membru tal-familja kien kiteb lill- Padre Pio biex jitlob ghaliha.

***

Padre Pio dejjem kellu devozzjoni lejn  il-Papa San Piju X. Kellu l-idea li fl-istorja tal-Knisja, huwa kien l-aqwa wiehed fost il-papiet kollha wara San Pietru u l-umilta' tieghu u s-semplicita' tieghu kienu jixbhu hafna lil dawk tal-Mulej Gesu'.

Hafna xiehda ta' min joqghod fuqhom u sejri kollha jghidu li raw lil Padre Pio fil-kripta tal-qaddis jitlob quddiem il-qabar ta' San Piju X fil-Basilka ta' San Pietru. Meta l-papa Piju XII sema' b'dan staqsa lil Don Orione jekk hu kienx ra lill-Padre



Pio jitlob fil-Basilka ta' San Pietru. Don Orione wiegbu: " Iva, rajtu."

"Tajjeb gia la darba inti

**xi whud raw lil-Padre Pio ghall-kanonizzazzjoni tal-qaddisa Tereza tal-Bambin Gesu' fis-sena 1925**

tikkonferma dan, jiena nemmen din il-haga wkoll."

Fit-3 ta' Gunju tas-sena 1959, gewwa San Giovanni Rotondo Dr. Charles Kiswarday kellu attakk tal-qalb. Haduh mill-ewwel fil-Casa Sollievo della Sofferenza, imma wasal l-isptar f'koma.

Matul il-lejla ta' bejn il-5 u s-6, l-infermiera Cassano kienet ordnata minn Swor Anicetta tas-servizz mediku biex tiehu hsieb il-pazjent fil-kamra numru 28, filwaqt li hija marret f'sezzjoni ohra ta' l-isptar. Meta waslet fil-kamra, l-infermiera rat patri frangiskan hiereg minnha u mexa' il-passagg kollu.  Hija dahlet u hadet il-polz tal-pazjent li kien rieqed.  Imbaghad qaghdet bil-qieghda  tistenna lil Swor Anicetta biex tigi lura. Meta waslet qajmu lill-pazjent li fakkruh li kien hin li jaghtuh l-injezzjoni.

"F'idejkom  jiena," qalilhom il-pazjent.

F'dak il-mument waqt li z-zewg nisa kienu qed jippreparaw l-injezzjoni, waqfu ghaliex xammew riha li mliet l-kamra. Kienet l-istess riha li xammew ftit tal-jiem qabel meta biesu idejn Patri Pio. "Padre Pio kien hawn," huma esklamaw.  L-infermiera imbaghad ftakret kif rat il-patri frangiskan hiereg mill-kamra qabel ma waslet hi. Dr Kiswarday tbissen u fil-waqt li baxxa rasu qalilhom: "Iva kien hawn u qaghad bil-qieghda hdejja fuq dak is-siggu."  U wriehom fejn. L-ghada staqsew lil uniku sacerdot li kien qed joqghod fil-Casa Sollievo della Sofferenza, il-kappillan Padre Mariano. Wegibhom li hu raqad il-lejl kollu fil-kamra tieghu fuq u ma dahal qatt fil-kamra tal-pazjent. Aktar tard Padre Mariano rrakonta dan l-episodju lil Padre Pio li b'espressjoni ta' wiccu

wera' li huwa kien attwalment mar izur lir-ragel marid. Wara Padre Mariano, Dottor Sala kellem lill-Padre Pio li wiegeb: "Iva mort hemm u nerga' naghmilha."

Mistoqsi xi tkellmu bejnithom, it-tabib u Padre Pio, Kiswarday wiegeb: " Dak le ma nistax nghidilkom. Dawn huma hwejjeg bejni u bejnu."

***

Matul it-tieni gwerra dinjija, fin-naha ta' isfel ta' l-Italja, general taljan li kien jaghmel parti mill-Forzi ta' l-Ajru ta' l-Allejati, kellu taht ir-responsablita' tieghu skwadra ta' bombers li kienu fi triqthom biex jeqirdu depot tal-Germanizi, stazzjonat gewwa San Giovanni Rotondo.

"Meta l-ajruplani avvicinaw l-objettiv taghhom," jirraporta l-general," l-ufficjali tieghi u jiena lmahna patri b'idejh mghollija. Il-bombi waqghu fil-foresta. L-ajruplani biddlu r-rotta taghhom. Kulhadd skanta min seta' kien dak il-patri li ghas-sinjal tieghu l-ajruplani obdew u biddlu r-rotta."

Xi hadd qal lill-general li dak il-patri kien kappuccin li kien jghix gewwa San Giovanni Rotondo, patri maghruf sew ghall-qdusija tieghu u probabbilment kien il-htija li l-ajruplani ma lahhqux l-objettiv taghhom. Il-general wegibhom li malli tintemm il-gwerra huwa kien ser jara min kien dak il-patri li raw fis-smewwiet. Wara l-gwerra, il-general amerikan mar lejn il-kunvent tal-kappuccini flimkien ma' xi whud mill-piloti tieghu. Fost il-hafna patrijiet li sabu fis-sagristija, immedjatament gharfu lill-Padre Pio, dak li kien biddlilhom

ir-rotta. Imma kien Padre Pio li avvicina lill-general u qallu: " Allura, kont inti li ridt teqridna lkoll kemm ahna, hux hekk?"

Impressjonat bi kliemu u l-personalita' tal- patri, il-general nizel gharkubtejh quddiemu. Kif kien qed ihalli l-kunvent, induna li huwa kien tkellem bl-ingliz, filwaqt li Padre Pio tkellem bi-djalett naplitan. Il-general kien cert li fehmu bl-ingliz. Bejnithom nibtet hbiberija. Bis-sahha t'hekk il-general kkonverta lejn ir-religjon kattolika.



**Matul il-gwerra hafna kienu s-suldati, kemm Amerikani kif ukoll ta' l-Alleati li kienu jigu jzuruh.**